## Il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) Bħala Qorti ta’ Ġudikatura Kriminali

### IL-PULIZIJA (SPETTUR NICHOLAS VELLA) V. ANSELMO CAMILLERI (KI. 556293M)

### MAĠISTRAT: DR. VICTOR G. AXIAK

**30/05/2023**

IL-QORTI,

Rat l-imputazzjonijiet segwenti li nħarġu kontra l-imputat:

**BILLI int** akkuzat talli fis-26 ta`Novembru 2021 ghall habta ta 11.40Hrs fi Triq L-Imdina, Qormi,

(1). Soqt vettura Nru.CBN838 minghajr licenzja tas-sewqan.
(2). Soqt vettura Nru.CBN838 minghajr ma kont kopert b`polza ta`assigurazzjoni dwar ir-riskji tat-terzi persuni.
(3). Waqt li kont qed issuq vettura Nru.CBN838 inqast li tieqaf fejn sinjal tat-traffiku li jindika `STOP`.
(4). Soqt l-imsemmija vettura Nru.CBN838 b`manjiera traskurata.
(5). W`aktar int sir recidiv b`sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) datata 5/10/2021 mill-Magt.Dr.V.Axiak LL.D liema sentenza saret deffinitiva u ma tistax tithassar.

Semgħet u rat ix-xhieda miġjuba quddiemha u ċioe ix-xhieda ta’ PC 541 L. Fava (affidavit), PC 1477 Owen Michael Gatt (affidavit), PC 47 B. Briffa (affidavit), Stephen Cachia (affidavit) u Yesenia Maria Pace.

Semgħet it-trattazzjoni finali.

Rat l-atti proċesswali.

Qed tagħti din is-

**Sentenza**

Jirriżulta mill-affidavits tal-Pulizija illi fid-data, ħin u lok indikati fil-komparixxi filwaqt li kienu f’vettura pajżana huma lemħu vettura ta’ lewn griż li baqgħet ħierġa minn fuq *Stop Sign*. Huma

raw kemm lix-xufier u kemm lill-passiġġier li kien ħdejh. Huma segwew il-vettura u ftit wara li tilfuha reġgħu lemħuha ġewwa *Service road* fl-aħħar ta' Triq l-Imdina. Qormi. Malli avviċinaw lill-vettura l-Pulizija għarfu lill-istess xufier u passiġġier u sabu li n-numru ta' reġistrazzjoni tagħha kien CBN838. Mill-investigazzjonijiet preliminari rriżulta lill-Pulizija li x-xufier ossia' l-imputat ma kellux liċenzja tas-sewqan. Iktar tard l-imputat irrapporta ġewwa l-uffiċċju tal-EPU. Mix-xhieda ta' Stephan Cachia (Transport Malta) li xehed bil-mezz tal-affidavit irriżulta illi l-imputat verament ma kellu l-ebda liċenzja tas-sewqan. Mix-xhieda ta' Yesenia Maria Pace (Deputat Reġistratur għan-nom tar-Reġistratur tal-Qrati Kriminali) ħareġ illi fil-5 ta' Ottubru 2021 l-imputat kien ġie misjub ħati minn din il-Qorti tal-imputazzjoni ta' sewqan ta' vettura mingħajr liċenzja tas-sewqan fejn kien ġie kkundannat iħallas multa, liema multa tħallset fis-16 ta' Marzu 2022.

*L-ewwel imputazzjoni*

Din l-ewwel imputazzjoni u ċioe illi l-imputat kien qed isuq vettura mingħajr liċenzja tas-sewqan tirriżulta pruvata

*It-tieni imputazzjoni*

It-tieni imputazzjoni u ċioe dik illi l-imputat kien qed isuq mingħajr ma kien kopert b'polza ta' assigurazzjoni dwar ir-riskji ta' terzi persuni tirriżulta ukoll pruvata għaliex minkejja li l-oneru tal-prova kien fuq l-imputat sabiex jipprova illi huwa ma wettaqx dan ir-reat, huwa naqas milli jagħmel dan matul il-kors tal-kawża.

*It-tielet imputazzjoni*

L-imputazzjoni numru 3 u ċioe illi l-imputat filwaqt li kien qiegħed isuq naqas milli jieqaf fejn sinjal tat-traffiku li jindika "STOP" hija preskritta bit-trapass taż-żmien u ċioe bit-trapass ta' iżjed minn tlett (3) xhur mid-data tal-allegat reat sad-data ta' meta ġie notifikat bil-komparixxi.

*Ir-raba' imputazzjoni*

Peress illi din ir-raba' imputazzjoni u ċioe illi l-imputat saq b'manjiera traskurata ġiet imressqa abbażi tal-fatt indikat fit-tielet imputazzjoni, liema imputazzjoni ġiet dikjarata preskritta, din l-imputazzjoni ukoll ma tirriżultax.

*Il-ħames imputazzjoni*

Mix-xhieda ta’ Yesenia Maria Pace, Deputat Reġistratur għan-nom tar-Reġistratur tal-Qrati Kriminali), ħareġ illi l-multa illi l-imputat ġie ikkundannat iħallas fis-sentenza li ngħatat fil-konfront tiegħu tal-5 ta’ Ottubru 2021, tħallset fis-16 ta’ Marzu 2022 ossia’ wara d-data tal-allegat reati. Għalhekk stante illi l-piena kienet għadha ma ġietx skontata, din il-ħames imputazzjoni ma tirriżultax.

**Deċiżjoni**

**Għar-raġunijiet msemmija l-Qorti wara li rat l-artikoli tal-liġi u ċioe l-Art. 15(1)(a) tal-Kap. 65 u l-Art. 3(1) tal-Kap. 104 tal-Liġijiet ta’ Malta, filwaqt li tilliberah mill-imputazzjonijiet numru 3 (preskritta), 4 u 5, issibu ħati tal-imputazzjonijiet numru 1 u 2 u għalhekk timmultah is-somma ta’ elfejn u seba’ mitt euro (€ 2,700). Fuq talba tal-imputat il-Qorti tordna li l-multa tkun pagabbli f’sitt (6) pagamenti mensili ugwali (Kap. 9 Art. 14(2)). B’żieda mal-piena l-Qorti qegħda tapplika d-disposizzjonijiet tal-Art. 3(2A) tal-Kap. 104 u tal-Art. 15(3) tal-Kap. 65 u tiskwalifika lill-imputat milli jkollu jew milli jikseb liċenzja tas-sewqan għal żmien tnax-il xahar u tmient ijiem.**

V.G. Axiak
Maġistrat

Y.M. Pace
Dep. Reġistratur